# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAS-27 TA' GUNJU 2019

**Kawza Numru: 10**

**Rik. Gur. 1268/2018 RGM**

**ChemplusLimited**
**(C-28402)**

**vs.**

**Stainless Steel Products Limited**
**(C-2029)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` attrici Chemplus Limited** prezentat fid-19 ta' Dicembru, 2018, li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

**B. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Peress illi s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma kumplessiva ta' tmienja u hamsin elf, disgha mija u erbgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (Euro 58,974.87) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti kemikali (materja prima) lilha mibjugha u konsenjati fuq talba tas-socjeta` intimata;

2. Illi Kenneth Bartolo ghas-socjeta` rikorrenti jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti huwa personalment.

**B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

3. Peress illi s-socjeta` intimata giet interpellata ghall-hlas bilancjali diversi drabi baqghet inadempjenti.

4. Peress illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talbiet attrici.

**C. Talbiet tar-rikorrenti**

Tghid is-socjeta` intimata ghar-ragunijiet premessi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167- 171 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont bilancjali kumplessiv ta' tmienja u hamsin elf, disgha mija u erbgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (Euro 58,974.87) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta' din l-procedura sal-pagament effettiv.

3. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandati ta'Qbid u Sekwestru kawtelatorji li qeghdin jkunu ntavolati kontestwalment mal-prezenti, kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni izda ma deher l-ebda rapprezentant taghha fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2019.

Fl-istess udjenza semghat it-testimonjanza ta' Kenneth Bartolo, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li spjega illi l-ammont reklamat jirraprezenta prezz ta' materja prima kimika mibjugha u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta li timmanifattura oggetti tal-plastic u stainless steal. Ix-xhud iddikjara illi fil-mori tal-kawza l-ebda ammont ma gie mhallas mis-socjeta' konvenuta.

Ikkonsidrat illi l-ammont mitlub huwa gustifikat.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta,

1. Tilqa' l-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u hamsin elf, disgha mija u erbgha u sebghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€58,974.87).

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta komprizi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imhallef**

27 ta' Gunju 2019

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**

27 ta' Gunju 2019